**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**David Gauci**

**Kumpilazzjoni Numru: 776/11**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 343947(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta' Gunju 2011 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) fi Triq Gorg Borg Olivier San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delit cioe` minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkometti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Gauci u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

2. Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq huh Stephen Gauci liema cirkostanza hija aggravanti minhabba dan il-fatt.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna biza lill-istess Stephen Gauci li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu.

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-istess Stephen Gauci bi kliem

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ' l istess offiza b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez.

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi talli ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati – Malta liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Stephen Gauci skont l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Gauci jew biex tinzamm l-ordni pubblka, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Gauci billi taghmel Ordni ta' Trazzi fil-konfront tal-imputat.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Gauci jew

sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Finalment, rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jekk jidrilha xieraq tobbliga lill-imputat b'obbligu msahhah bi pleggerija.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Frar elfejn u tnax (2012) fejn fija elenka l-Artikoli tal-ligi li huwa mahsub li tahthom tinstab htija u cioe`:

(a) fl-artikoli 214, 215, 41 (1)(a), 218 (1)(a)(b)(2), 222 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 338(dd), 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 6, 51 (7) tal-Kapitoli 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda u wara li rat l-atti kollha tal-kawza ikkunsidrat;

Din il-kawza tittratta fuq allegat aggressjoni da parti tal-imputat fil-konfront ta' huh Stephen Gauci meta dawn kienu fit-triq go Gorg Borg Olivier Street,

Sliema. Terzi persuni infatti raw ix-xena fejn waqfet karrozza bin-numru ta' registrazzjoni TFC 277 ta' kulur blu u raw persuna maskili jaghti daqqa ta' sikkina lil persuna ohra maskili. Infatti huma ghamlu rapport l-ghassa fejn irraportaw dak kollu li raw.

Rat l-istqarrija tal-imputat David Gauci datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) fejn, wara li nghata d-dritt li jkellem avukat kif fil-fatt ghamel ta' stqarrija volontarja izda li ma ffirmax. F'din l-istqarrija l-imputat ammetta li dak il-hin kien ghaddej minn Triq Borg Olivier meta lemah lil huh Stephen u stante li haseb li kien ghamillu xi gest, huwa ddecieda li johrog mill-karrozza tieghu u minn hemm kien hemm glieda. Huwa nnega li kellu xi sikkina izda bicca njama li qal li hareg bieghi biex itih xi daqqiet.

**<u>XHIEDA</u>**

Xehed il-vittma **<u>Stephen Gauci</u>** li jigi hu l-akkuzat u li xehed illi fis-seba' u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) kien miexi il-Balluta hdejn il-pitch u fil-pront waqfet karrozza u fil-pront hareg huh David b'sikkina kbira li beda jxejjirha u hu pprova jevitah izda xorta wahda laqtu f'xi postijiet. Huwa jghid illi s-sikkina kienet kbira xi tletin (30) centimetru u meta l-imputat beda jxejjirha huwa beda jghidlu il-kliem ***"Ha noqtlok, ha noqtlok"***. Infatti il-vittma kellu xi daqqiet kompatibbli ma sikkina skont kif jixhed l-istess certifikat mediku in atti li jinsab a fol tmienja (8) tal-process.

Ix-xhud qal ukoll illi bejnu u bejn huh David kien hemm xi problemi ta' wirt ta' ommhom u ghalhekk ir-relazzjoni ta' bejniethom ma' kienitx wahda tajba.

Xehed ukoll **Joshua Spiteri** li kien fuq il-post dakinhar tal-allegat reat u jghid illi ra ragel johrog mill-karrozza tieghu b'sikkina daqsxejn imsadda u beda jaghti lill-ragel iehor li kien miexi. Wara dan ir-ragel kellu d-demm fuqu u ghenu jmur l-ghassa sabiex jaghmel ir-rapport. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala dak li kellu is-sikkina f'idejh.

Xehdet ukoll **Denise Caruana** li tigi l-gharusa ta' Joshua Spiteri u li bhalu ftakret li kien hemm ragel li fl-awla ma gharfitux u li hareg minn karrozza skura bin-numru ta' registrazzjoni li jibda bl-ittri "TFC" b'sikkina twila u ta' xi daqqiet lill-ragel li kien qed jimxi hemmhekk. Hija tiftakar illi l-vittma kellha daqqa f'rasu.

Xehdet ukoll it-tabiba **Dr Arlette Vassallo** illi wara li kkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha (fol 8) hija qalet illi il-vittma Stephen Gauci kellu barxa fuq ir-ras fejn kellu bzonn tmien (8) punti, lacerazzjoni ta' zewg (2) centimetri fuq il-minkeb, barxa ta' hmistax (15) il-centimetru fuq dahru bi hmura madwarha u barxa ohra ta' ghaxar (10) centimetri fuq idu x-xellugija u tbengila bid-demm taht il-gilda fuq in-naha l-leminija ta' rasu. Dawn il-griehi kienu kklassifikati bhala griehi hfief.

Is-surgent **PS 41 Matthew Attard** ikkonferma illi wara tfittxija li saret fil-karrozza tal-imputat u anke` f'daru, ma nstab l-ebda tracca tal-arma tal-allegat reat.

Semghet il-parte civile Stephen Gauci in kontro-ezami li ghalkemm kien wiehed movimentat ghall-ahhar, id-domandi kienu kollha indotti fuq il-wirt tal-genituri tieghu u ftit li xejn fuq l-incident *de quo.*

Xehdet bhala xhud in difeza lil **Ivan Gauci** li jigi hu l-imputat u lil **Pauline Gauci** oht l-imputat u l-vittma li x-xhieda taghhom kienet ghal kollox mixhuta fuq is-sitwazzjoni familjari partikolarment fuq il-wirt tal-genituri taghhom u mhux fuq l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. **Carmen Sciberras** li wkoll tigi oht l-imputat u l-vittma xehdet l-istess affarijiet.

Il-Qorti rat il-verbal taghha tas-seba' u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) fejn il-partijiet inghataw zmien ghan-noti ta' sottomissjoni fejn jidher illi il-prosekuzzjoni biss ghamlet din in-nota ghalkemm kienet debitament innotifikat lid-difiza bin-nota taghha fl-ghaxra (10) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014).

Finalment semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Trevor Micallef** li esebixxa sentenza datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) moghtija mill-Magistrat Anthony Vella kontra l-imputat immarkata bhala Dokument TM1 li tinsab a fol erba' u tmenin (84) tal-process.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti johrog car is-sitwazzjoni familjari xejn felici illi kienet tezisti bejn l-imputat David Gauci u huh il-vittma Stephen Gauci li kien ikollhom xi argumenti fuq il-wirt tal-genituri taghhom.

Hareg ukoll permezz ta' xhieda okulari li gharfu lill-imputat kif ukoll spjegaw kif gara ir-reat permezz ta' sikkina u anke` b'partikolaritajiet ohra bhal dawk tal-karrozza tal-imputat.

Hareg ukoll illi meta l-imputat hareg bis-sikkina ghall-parte civile huwa beda jghajjat il-kliem ***"Ha noqtlok, Ha noqtlok"***, u allura dan jindika b'mod car l-animu tal-imputat li kien li jwegga' lil huh u mhux semplicement li jbezzghu.

Illi x-xhieda in difeza ftit li xejn ghenu lil din il-Qorti  u dan ghaliex ix-xhieda taghhom kienet kollha ikkoncentrata fuq is-sitwazzjoni ta' bejn l-ahwa u jekk forsi dawn ingabu biex johrog il-karattru tal-vittma, xorta wahda ma kienx rilevanti ghal kaz in ezami ghaliex anke' jekk persuna jista' jkollha xi tghid ma' huha, ma jfissirx illi hija tista' tmur u tikkagunalu griehi. Il-fatt illi l-imputat kien fil-karrozza tieghu, waqaf, hareg u mar ghal huh bis-sikkina juri certa determinazzjoni da parti tieghu sabiex iweggghu.

Illi ghal dawn ir-raguni din il-Qorti thoss illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputat gew ippruvati u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(a), 49, 50, 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 222(1)(a), 338(d), 339(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **David Gauci** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u in kwantu ghas-sitt (6) akkuza tikkundannah ghal multa ta' mija u sittax il-Ewro u seba' u erbghin centezmu (EUR 116.47) u in kwantu ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-seba' (7) akkuzi tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tmien (8) xhur stante l-addebitu tar-recidiva.

____________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**